II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/643

tal-10 ta' Frar 2022

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 649/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-elenkar ta' pestiċidi, sustanzi kimiċi industrijali, sustanzi niġġiesa organiċi persistenti u l-merkurju u aġġornament tal-kodiċijiet doganali

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 649/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar l-esportazzjoni u l-importazzjoni ta' sustanzi kimiċi perikoluż[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 23(4), il-punti (a), (b), (c) u (d) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) Nru 649/2012 jimplimenta l-Konvenzjoni ta' Rotterdam dwar il-Proċedura ta' Kunsens Infurmat minn Qabel għal ċerti kimiċi u pestiċidi fil-kummerċ internazzjonali [2] ("il-Konvenzjoni ta' Rotterdam").

[1] ĠU L 201, 27.7.2012, p. 60.
[2] ĠU L 63, 6.3.2003, p. 29.

(2) Bir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1280 ([3]), (UE) 2020/892 ([4]), (UE) 2020/1276 ([5]), (UE) 2020/18 ([6]), (UE) 2020/17 ([7]), (UE) 2020/1246 ([8]), (UE) 2020/2087 ([9]), (UE) 2019/1606 ([10]), (UE) 2020/23 ([11]), u (UE) 2020/1498 ([12]), il-Kummissjoni ddeċidiet li ma ġġeddidx l-approvazzjoni tas-sustanzi benalaksil, beta-ċiflutrin, bromossinil, chlorpyrifos, chlorpyrifos-methyl, fenamifos, mancozeb, metjokarb, thiacloprid u tijofanat-metil, rispettivament, bħala sustanzi attivi skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([13]). L-effett ta' dawk l-azzjonijiet regolatorji finali huwa li dawk is-sustanzi huma pprojbiti minn kull użu fil-kategorija "pestiċidi", minħabba l-fatt li ma ġew approvati għal ebda użu ieħor f'dik il-kategorija. Għalhekk, jenħtieġ li dawk is-sustanzi jiġu miżjuda mal-listi ta' sustanzi kimiċi fil-Partijiet 1 u 2 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 649/2012.

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1280 tal-14 ta' Settembru 2020 dwar in-nuqqas ta' tiġdid tal-approvazzjoni tas-sustanza attiva benalaksil, f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, u li jemenda l-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 (ĠU L 301, 15.9.2020, p. 4).

([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/892 tad-29 ta' Ġunju 2020 li jikkonċerna n-nuqqas ta' tiġdid tal-approvazzjoni tas-sustanza attiva beta-ċiflutrin, f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, u li jemenda l-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 (ĠU L 206, 30.6.2020, p. 5).

([5]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1276 tal-11 ta' Settembru 2020 dwar in-nuqqas ta' tiġdid tal-approvazzjoni tas-sustanza attiva bromossinil, f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jemenda l-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 (ĠU L 300, 14.9.2020, p. 32).

([6]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/18 tal-10 ta' Jannar 2020 li jikkonċerna n-nuqqas ta' tiġdid tal-approvazzjoni tas-sustanza attiva chlorpyrifos, f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jemenda l-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 (ĠU L 7, 13.1.2020, p. 14).

([7]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/17 tal-10 ta' Jannar 2020 li jikkonċerna n-nuqqas ta' tiġdid tal-approvazzjoni tas-sustanza attiva chlorpyrifos-methyl, f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jemenda l-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 (ĠU L 7, 13.1.2020, p. 11).

([8]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1246 tat-2 ta' Settembru 2020 li jikkonċerna n-nuqqas ta' tiġdid tal-approvazzjoni tas-sustanza attiva fenamifos, f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, u li jemenda l-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 (ĠU L 288, 3.9.2020, p. 18).

([9]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/2087 tal-14 ta' Diċembru 2020 li jikkonċerna n-nuqqas ta' tiġdid tal-approvazzjoni tas-sustanza attiva mancozeb, f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jemenda l-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 (ĠU L 423, 15.12.2020, p. 50).

([10]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1606 tas-27 ta' Settembru 2019 li jikkonċerna n-nuqqas ta' tiġdid tal-approvazzjoni tas-sustanza attiva metjokarb, f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jemenda l-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 (ĠU L 250, 30.9.2019, p. 53).

([11]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/23 tat-13 ta' Jannar 2020 li jikkonċerna n-nuqqas ta' tiġdid tal-approvazzjoni tas-sustanza attiva thiacloprid, f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jemenda l-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 (ĠU L 8, 14.1.2020, p. 8).

([12]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1498 tal-15 ta' Ottubru 2020 li jikkonċerna n-nuqqas ta' tiġdid tal-approvazzjoni tas-sustanza attiva tijofanat-metil, f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jemenda l-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 (ĠU L 342, 16.10.2020, p. 5).

([13]) Ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1).

(3) L-industrija rtirat is-sustanzi attivi epossikonażol u mekoprop mill-proċess ta' approvazzjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009. L-effett ta' dak l-irtirar huwa li dawk is-sustanzi huma pprojbiti minn kull użu fil-kategorija "pestiċidi", minħabba l-fatt li ma ġew approvati għal ebda użu ieħor f'dik il-kategorija. Barra minn hekk, il-klassifikazzjoni armonizzata tal-epossikonażol u tal-mekoprop skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([14]) huwa biżżejjed evidenza li s-sustanzi jqajmu tħassib għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent. Għalhekk, jenħtieġ li l-epossikonażol u l-mekoprop jiġu miżjuda mal-listi ta' sustanzi kimiċi fil-Partijiet 1 u 2 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 649/2012.

(4) L-industrija rtirat is-sustanza attiva bifentrin mill-proċess ta' approvazzjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009. L-effett ta' dak l-irtirar huwa li l-bifentrin huwa pprojbit mill-użu fis-subkategorija "pestiċida fil-grupp ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti". Dik il-projbizzjoni tammonta għal restrizzjoni severa tal-użu ta' dik is-sustanza fil-livell tal-kategorija ta' "pestiċidi" meta jitqies li l-bifentrin huwa approvat biss għall-użu fil-prodotti bijoċidali skont ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([15]) għall-prodotti tat-tip 8 fis-sottokategorija "pestiċidi oħrajn li jinkludu l-bijoċidi", u li ma hemm l-ebda awtorizzazzjoni nazzjonali għall-użu ta' prodotti bijoċidali li fihom il-bifentrin skont dak ir-Regolament. Barra minn hekk, il-klassifikazzjoni armonizzata tal-bifentrin skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 hija evidenza biżżejjed li s-sustanza tqajjem tħassib għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent. Għalhekk, jenħtieġ li l-bifentrin jiġi miżjud mal-listi ta' sustanzi kimiċi fil-Partijiet 1 u 2 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 649/2012.

(5) Bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1251 ([16]), il-Kummissjoni ddeċidiet li ma tapprovax l-empentrin bħala sustanza attiva skont ir-Regolament (UE) Nru 528/2012. L-effett ta' dik l-azzjoni regolatorja finali huwa li l-empentrin huwa pprojbit minn kull użu fil-kategorija "pestiċidi", minħabba l-fatt li ma ġie approvat għal ebda użu ieħor f'dik il-kategorija. Għalhekk, jenħtieġ li l-empentrin jiġi miżjud mal-listi ta' sustanzi kimiċi fil-Partijiet 1 u 2 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 649/2012.

(6) L-industrija rtirat is-sustanzi attiviażinfos-etil, ferbam u eżażinon mill-proċess ta' approvazzjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009. L-effett ta' dak l-irtirar huwa li dawk is-sustanzi huma pprojbiti minn kull użu fil-kategorija "pestiċidi", minħabba l-fatt li ma ġew approvati għal ebda użu ieħor f'dik il-kategorija. Għalhekk, jenħtieġ li l-ażinfos-etil, il-ferbam u l-eżażinon jiġu miżjuda mal-lista ta' sustanzi kimiċi fil-Parti 2 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 649/2012.

(7) L-industrija rtirat is-sustanza attiva metomil mill-proċess ta' approvazzjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009. L-effett ta' dak l-irtirar huwa li l-metomil huwa pprojbit mill-użu fis-subkategorija "pestiċida fil-grupp ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti". Dik il-projbizzjoni tammonta għal projbizzjoni tal-użu tas-sustanza fil-livell tal-kategorija "pestiċidi", meta jitqies li l-metomil ma ġie approvat għal ebda użu ieħor f'dik il-kategorija. Għalhekk, jenħtieġ li l-metomil jiġi miżjud mal-lista ta' sustanzi kimiċi fil-Parti 2 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 649/2012.

(8) Is-sustanzi 2,4-dinitrotoluwen (2,4-DNT) u 4,4'-diaminodifenilmetan (MDA) huma elenkati fl-Anness XIV tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([17]) peress li qabel kienu identifikati bħala sustanzi ta' tħassib serju ħafna. Għalhekk, dawk is-sustanzi huma soġġetti għal awtorizzazzjoni f'konformità mat-Titolu VII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006. Peress li ma ngħataw l-ebda awtorizzazzjonijiet, 2,4-dinitrotoluwen (2,4-DNT) u 4,4'-diaminodifenilmetan (MDA) huma ristretti ħafna għall-użu industrijali. Għalhekk, jenħtieġ li dawk is-sustanzi jiġu miżjuda mal-listi ta' sustanzi kimiċi fil-Partijiet 1 u 2 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 649/2012.

([14]) Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet, li jemenda u jħassar id-Direttivi 67/548/KEE u 1999/45/KE, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (ĠU L 353, 31.12.2008, p. 1).

([15]) Ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali (ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1).

([16]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1251 tat-18 ta' Settembru 2018 li ma tapprovax l-empentrin bħala sustanza attiva eżistenti għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 18 (ĠU L 235, 19.9.2018, p. 24).

([17]) Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1).

(9) L-użu tas-sustanza merkurju huwa ristrett bir-Regolament (UE) 2017/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([18]), ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006, id-Direttiva 2011/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([19]) u d-Direttiva 2006/66/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([20]), bl-effett li l-użu tal-merkurju huwa ristrett ħafna għall-użu industrijali kollu. Għalhekk, jenħtieġ li l-merkurju jiġi miżjud mal-listi ta' sustanzi kimiċi fil-Partijiet 1 u 2 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 649/2012.

(10) L-użu tas-sustanza kadmju u tal-komposti tagħha huwa ristrett ħafna bir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 fis-sottokategorija "sustanza kimika industrijali għall-użu pubbliku". Dik ir-restrizzjoni tammonta għal restrizzjoni severa tal-użu tas-sustanza fil-livell tal-kategorija "sustanzi kimiċi industrijali", meta jitqies li l-kadmju u l-komposti tiegħu huma wkoll ristretti ħafna fis-sottokategorija "sustanza kimika industrijali għall-użu professjonali". Għalhekk, jenħtieġ li l-kadmju u l-komposti tiegħu jiġu miżjuda mal-lista ta' sustanzi kimiċi fil-Parti 2 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 649/2012.

(11) L-użu tas-sustanza ċomb huwa ristrett ħafna bir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 fis-sottokategorija "sustanza kimika industrijali għall-użu pubbliku". Għalhekk, jenħtieġ li ċ-ċomb jiġi miżjud mal-lista ta' sustanzi kimiċi fil-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 649/2012 għal dik is-sottokategorija.

(12) L-użu tal-benżen bħala kostitwent ta' sustanzi oħra huwa ristrett ħafna bir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 fis-sottokategorija "sustanza kimika industrijali għall-użu pubbliku". Għalhekk, jenħtieġ li l-benżen bħala kostitwent ta' sustanzi oħra jiġi miżjud mal-lista ta' sustanzi kimiċi fil-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 649/2012 għal dik is-sottokategorija.

(13) L-użu tas-sustanzi etere tal-bis(pentabromofenil) (decaBDE) u l-aċidu perfluworoottanojku (PFOA), l-imlieħ tiegħu u l-komposti relatati mal-PFOA huwa ristrett ħafna bir-Regolament (UE) 2019/1021 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([21]) għall-użu industrijali kollu. Għalhekk, jenħtieġ li dawk is-sustanzi jiġu miżjuda mal-lista ta' sustanzi kimiċi fil-Partijiet 1 u 2 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 649/2012.

(14) Bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/1506 ([22]), il-Kummissjoni ddeċidiet li ġġedded l-approvazzjoni tas-sustanza attiva idrażid malejku skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009, bl-effett li l-użu tal-idrażid malejku u l-imlieħ tal-kolina, tal-potassju u tas-sodju tiegħu ma għadhomx ipprojbiti għall-użu fis-sottokategorija "pestiċida fil-grupp ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti". Għalhekk, jenħtieġ li dawk is-sustanzi jitneħħew mil-lista ta' sustanzi kimiċi fil-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 649/2012.

(15) Fis-sitt laqgħa tagħha li saret mit-28 ta' April sal-10 ta' Mejju 2013, il-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Rotterdam iddeċidiet li tinkludi l-etere tal-pentabromodifenil kummerċjali, inklużi l-etere tat-tetrabromodifenil u tal-pentabromodifenil, kif ukoll l-etere tal-ottabromodifenil kummerċjali, inklużi l-etere tal-eżabromodifenil u tal-ettabromodifenil fl-Anness III ta' dik il-Konvenzjoni, bl-effett li dawk is-sustanzi kimiċi saru soġġetti għall-proċedura ta' kunsens infurmat minn qabel skont dik il-Konvenzjoni. Għalhekk, dawk is-sustanzi ġew miżjuda mal-lista ta' sustanzi kimiċi fil-Parti 3 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 649/2012 bir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/2229 ([23]). Sabiex jiġu ffaċilitati l-implimentazzjoni ta' dak l-elenkar u b'mod partikolari s-sottomissjoni ta' notifiki tal-esportazzjoni għal ċerti oġġetti, jenħtieġ li dawk is-sustanzi kimiċi jiġu elenkati wkoll fil-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 649/2012.

([18]) Ir-Regolament (UE) 2017/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2017 dwar il-merkurju, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1102/2008 (ĠU L 137, 24.5.2017, p. 1).

([19]) Id-Direttiva 2011/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar ir-restrizzjoni tal-użu ta' ċerti sustanzi perikolużi fit-tagħmir elettriku u elettroniku (ĠU L 174, 1.7.2011, p. 88).

([20]) Id-Direttiva 2006/66/KE tal-Parlament Ewropew u tal-kunsill tas-6 ta' Settembru 2006 dwar batteriji u akkumulaturi u skart ta' batteriji u ta' akkumulaturi u li tħassar id-Direttiva 91/157/KEE (ĠU L 266, 26.9.2006, p. 1).

([21]) Ir-Regolament (UE) 2019/1021 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-pollutanti organiċi persistenti (ĠU L 169, 25.6.2019, p. 45).

([22]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1506 tat-28 ta' Awwissu 2017 li jġedded l-approvazzjoni tas-sustanza attiva idrażid malejku skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, u li jemenda l-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 (ĠU L 222, 29.8.2017, p. 21).

([23]) Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/2229 tad-29 ta' Settembru 2015 li jemenda l-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 649/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-esportazzjoni u l-importazzjoni ta' sustanzi kimiċi perikolużi (ĠU L 317, 3.12.2015, p. 13).

(16) L-entrata dwar l-etere tal-ottabromodifenil kummerċjali fil-Parti 3 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 649/2012 tkopri wkoll is-sustanza etere tal-ottabromodifenil elenkata fil-Partijiet 1 u 2 tal-Anness I ta' dak ir-Regolament. Għalhekk, jenħtieġ li l-etere tal-ottabromodifenil jitneħħa mil-listi ta' sustanzi kimiċi fil-Partijiet 1 u 2 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 649/2012.

(17) Fid-disa' laqgħa tagħha li saret mid-29 ta' April sal-10 ta' Mejju 2019, il-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Stokkolma dwar Materjal Organiku Persistenti li Jniġġes ("il-Konvenzjoni ta' Stokkolma") iddeċidiet li tinkludi s-sustanza dikofol fl-Anness A ta' dik il-Konvenzjoni. Għalhekk, dik is-sustanza ġiet elenkata fil-Parti A tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/1021 u għalhekk jenħtieġ li tiġi miżjuda mal-lista ta' sustanzi kimiċi fil-Parti 1 tal-Anness V tar-Regolament (UE) Nru 649/2012. Peress li elenkar fil-Parti 1 tal-Anness V tar-Regolament (UE) Nru 649/2012 jipprojbixxi l-esportazzjoni ta' sustanza mingħajr ebda eżenzjoni, l-elenkar tad-dikofol fil-Partijiet 1 u 2 tal-Anness I ta' dak ir-Regolament ma għadux meħtieġ u jenħtieġ li jitneħħa.

(18) Fid-disa' laqgħa tagħha li saret mid-29 ta' April sal-10 ta' Mejju 2019, il-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Stokkolma ddeċidiet li tinkludi s-sustanza aċidu perfluworoottanojku (PFOA), l-imlieħ u l-komposti relatati mal-PFOA tiegħu fl-Anness A ta' dik il-Konvenzjoni b'għadd ta' eżenzjonijiet u b'obbligu li l-partijiet jipprojbixxu l-esportazzjoni ta' ragħwa għat-tifi tan-nar li jkun fihom dawk is-sustanzi kimiċi. Għalhekk, l-aċidu perfluworoottanojku (PFOA), l-imlieħ u l-komposti relatati mal-PFOA tiegħu ġew elenkati fil-Parti A tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/1021 u għalhekk jenħtieġ li jiġi miżjud mal-lista ta' sustanzi kimiċi fil-Parti 1 tal-Anness V tar-Regolament (UE) Nru 649/2012 fir-rigward tal-preżenza tiegħu fir-raġwa għat-tifi tan-nar.

(19) Fis-seba' laqgħa tagħha li saret mill-4 sal-15 ta' Mejju 2015, il-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Stokkolma ddeċidiet li tinkludi s-sustanzi pentaklorofenol u l-imlieħ u l-esteri tiegħu fl-Anness A ta' dik il-Konvenzjoni. Għalhekk, dawk is-sustanzi ġew elenkati fil-Parti A tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/1021 u għalhekk jenħtieġ li jiġu miżjuda mal-lista ta' sustanzi kimiċi fil-Parti 1 tal-Anness V tar-Regolament (UE) Nru 649/2012.

(20) Fir-raba' laqgħa tagħha li saret mill-4 sat-8 ta' Mejju 2009, il-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Stokkolma ddeċidiet li tinkludi s-sustanzi aċidu perfluworoottansulfoniku (PFOS), l-imlieħ tiegħu u l-fluworur tas-sulfonil tal-perfluworoottan fl-Anness B ta' dik il-Konvenzjoni. Dik l-entrata ġiet sussegwentement emendata bid-Deċiżjoni SC-9/4 fl-2019. Dawk is-sustanzi huma elenkati fil-Parti A tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/1021 u għalhekk jenħtieġ li jiġu miżjuda mal-lista ta' sustanzi kimiċi fil-Parti 1 tal-Anness V tar-Regolament (UE) Nru 649/2012.

(21) Il-Parti 1 tal-Anness V tar-Regolament (UE) Nru 649/2012 fiha entrata dwar l-oġġetti li fihom konċentrazzjonijiet tal-etere tat-tetra-, penta-, eża- u ettabromodifenil ta' 0,1 % jew aktar skont il-piż meta jkunu prodotti parzjalment jew kompletament minn materjali riċiklati jew materjali minn skart ippreparat għall-użu mill-ġdid. Dik l-entrata hija bbażata fuq restrizzjoni stabbilita fir-Regolament (KE) Nru 850/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([24]). Id-dispożizzjonijiet dwar dawk is-sustanzi ġew emendati bir-Regolament (UE) 2019/1021, li jnaqqas il-konċentrazzjonijiet permessi fl-oġġetti u jżid l-etere tad-dekabromodifenil mal-lista ta' eteri tad-difenil polibrominati. Jenħtieġ li dawk il-bidliet jiġu riflessi fil-Parti 1 tal-Anness V tar-Regolament (UE) Nru 649/2012.

(22) Ir-Regolament (UE) 2017/852 jipprojbixxi l-esportazzjoni tal-merkurju, ta' ċerti taħlitiet tal-merkurju metalliku ma' sustanzi oħra, ta' ċerti komposti tal-merkurju u ta' ċerti prodotti miżjuda bil-merkurju. Jenħtieġ li dawk il-projbizzjonijiet tal-esportazzjoni jiġu riflessi fil-Parti 2 tal-Anness V tar-Regolament (UE) Nru 649/2012.

(23) Skont l-Artikolu 14(2) tar-Regolament (UE) Nru 649/2012, il-Kummissjoni hija mitluba li tirrevedi l-klassifikazzjoni ta' kull sustanza kimika elenkata fl-Anness I ta' dak ir-Regolament fid-dawl ta' kwalunkwe bidla li tkun saret fin-Nomenklatura tas-Sistema Armonizzata tal-Organizzazzjoni Dinjija Doganali jew fin-Nomenklatura Magħquda tal-Unjoni Ewropea. Għadd ta' klassifikazzjonijiet ta' sustanzi kimiċi fin-Nomenklatura Magħquda tal-Unjoni Ewropea nbidlu minn meta dawk is-sustanzi kimiċi ġew miżjuda mal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 649/2012. Jenħtieġ li dawk il-bidliet jiġu riflessi f'dak l-Anness.

([24]) Ir-Regolament (KE) Nru 850/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar pollutanti organiċi persistenti u li jemenda d-Direttiva 79/117/KEE (ĠU L 158, 30.4.2004, p. 7).

(24) Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament (UE) Nru 649/2012 jiġi emendat kif xieraq.

(25) Huwa xieraq li jingħata perjodu ta' żmien raġonevoli li jippermetti lill-partijiet interessati jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jikkonformaw ma' dan ir-Regolament u lill-Istati Membri jieħdu l-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni tiegħu,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) Nru 649/2012 huwa emendat kif ġej:

(a) L-Anness I huwa sostitwit bit-test fl-Anness I ta' dan ir-Regolament;

(b) L-Anness V huwa sostitwit bit-test fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Lulju 2022.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Frar 2022.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS I

"ANNESS I

LISTA TA' SUSTANZI KIMIĊI

(imsemmija fl-Artikolu 7)

PARTI 1

Lista ta' sustanzi kimiċi soġġetti għall-proċedura ta' notifika dwar l-esportazzjoni

(imsemmija fl-Artikolu 8)

Jenħtieġ li wieħed jinnota li fejn is-sustanzi kimiċi elenkati f'din il-parti tal-Anness ikunu soġġetti għall-proċedura PIC, l-obbligi ta' notifika dwar l-esportazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 8(2), (3), u (4) ma għandhomx japplikaw dment li l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 8(6), l-ewwel subparagrafu, il-punti (b) u (c) ikunu ġew ssodisfati. Dawn is-sustanzi kimiċi, li huma identifikati permezz tas-simbolu "#" fil-lista hawn isfel, huma elenkati darb'oħra fil-Parti 3 ta' dan l-Anness għall-faċilitazzjoni tar-referenza.

Jenħtieġ li wieħed jinnota wkoll li fejn is-sustanzi kimiċi elenkati f'din il-parti tal-Anness jikkwalifikaw għan-notifika PIC minħabba n-natura tal-azzjoni regolatorja finali tal-Unjoni, dawk is-sustanzi kimiċi huma wkoll elenkati fil-Parti 2 ta' dan l-Anness. Dawn is-sustanzi kimiċi huma identifikati bis-simbolu "+" fil-lista hawn isfel.

Sustanza Kimika	Nru CAS	Nru KE	Kodiċi NM (***)	Sottokategorija (*)	Limitazzjoni tal-użu (**)	Pajjiżi li għalihom mhi meħtieġa l-ebda notifika
1,1-Dikloroeten	75-35-4	200-864-0	ex 2903 29 00	i(2)	sr	
1,1,1-Trikloroetan	71-55-6	200-756-3	ex 2903 19 00	i(2)	b	
1,1,2-Trikloroetan	79-00-5	201-166-9	ex 2903 19 00	i(2)	sr	
1,1,1,2-Tetrakloroetan	630-20-6	211-135-1	ex 2903 19 00	i(2)	sr	
1,1,2,2-Tetrakloroetan	79-34-5	201-197-8	ex 2903 19 00	i(2)	sr	
1,2-Dibromoetan (Dibromur tal-etilen) (#)	106-93-4	203-444-5	ex 2903 62 00	p(1)-p(2)	b-b	Jekk jogħġbok irreferi għaċ-ċirkulari PIC fuq www.pic.int/
1,2-Dikloroetan (diklorur tal-etilen) (#)	107-06-2	203-458-1	ex 2903 15 00	p(1)-p(2)	b-b	Jekk jogħġbok irreferi għaċ-ċirkulari PIC fuq www.pic.int/
				i(2)	b	
1,3-Dikloropropen (l) (+)	542-75-6	208-826-5	ex 2903 29 00	p(1)	b	
1,3-Dikloropropen (cis) ((Z)-1,3-dikloropropen)	10061-01-5	233-195-8	ex 2903 29 00	p(1)-p(2)	b-b	

2-Amminobutan	13952-84-6	237-732-7	ex 2921 19 99	p(1)-p(2)	b-b	
2-Naftilammina u l-imlieħ tiegħu (+)	91-59-8 553-00-4 612-52-2 u oħrajn	202-080-4 209-030-0 210-313-6 u oħrajn	ex 2921 45 00	i(1)-i(2)	b-b	
Aċidu 2-naftilossiaċetiku (+)	120-23-0	204-380-0	ex 2918 99 90	p(1)	b	
2,4-Dinitrotoluwen (2,4-DNT) (+)	121-14-2	204-450-0	ex 2904 20 00	i(1)-i(2)	sr-b	
2,4,5-T u l-imlieħ u l-esteri tiegħu (#)	93-76-5 u oħrajn	202-273-3 u oħrajn	ex 2918 91 00	p(1)-p(2)	b-b	Jekk jogħġbok irreferi għaċ-ċirkulari PIC fuq www.pic.int/
3-Deċen-2-on (+)	10519-33-2	234-059-0	ex 2914 19 90	p(1)	b	
4-Amminobifenil (bifenil-4-ammina) u l-imlieħ tiegħu (+)	92-67-1 2113-61-3 u oħrajn	202-177-1 u oħrajn	ex 2921 49 00	i(1)-i(2)	b-b	
4-Nitrobifenil (+)	92-93-3	202-204-7	ex 2904 20 00	i(1)-i(2)	b-b	
4,4'-Diamminodifenilmetan (MDA) (+)	101-77-9	202-974-4	ex 2921 59 90	i(1)-i(2)	sr-b	
5-Tert-butil-2,4,6-trinitro-m-kslen (+)	81-15-2	201-329-4	ex 2904 20 00	i(1)-i(2)	sr-b	
Aċefat (+)	30560-19-1	250-241-2	ex 2930 90 98	p(1)-p(2)	b-b	
Aċetoklor (+)	34256-82-1	251-899-3	ex 2924 29 70	p(1)	b	
Aċifluworfen	50594-66-6	256-634-5	ex 2918 99 90	p(1)-p(2)	b-b	
Alaklor (#)	15972-60-8	240-110-8	ex 2924 25 00	p(1)	b	
Aldikarb (#)	116-06-3	204-123-2	ex 2930 80 00	p(1)-p(2)	b-b	
Ametrin	834-12-8	212-634-7	ex 2933 69 80	p(1)-p(2)	b-b	
Amitraż (+)	33089-61-1	251-375-4	ex 2925 29 00	p(1)-p(2)	b-b	
Amitrol (+)	61-82-5	200-521-5	ex 2933 99 80	p(1)	b	
Antrakwinon (+)	84-65-1	201-549-0	ex 2914 61 00	p(1)-p(2)	b-b	
Komposti tal-arseniku				p(2)	sr	

Fibri tal-Asbestos (+):	1332-21-4 u oħrajn		ex 2524 90 00			Jekk jogħġbok irreferi għaċ-ċirkulari PIC fuq www.pic.int/
Aktinolit (#)	77536-66-4		ex 2524 90 00	i	b	
Antofillit (#)	77536-67-5		ex 2524 90 00	i	b	
Amosit (#)	12172-73-5		ex 2524 90 00	i	b	
Kroċidolit (#)	12001-28-4		ex 2524 10 00	i	b	
Tremolit (#)	77536-68-6		ex 2524 90 00	i	b	
Krisotil (+)	12001-29-5, 132207-32-0		ex 2524 90 00	i	b	
Asulam (+)	3337-71-1 2302-17-2	222-077-1 218-953-8	ex 2935 90 90	p(1)	b	
Atražina (+)	1912-24-9	217-617-8	ex 2933 69 10	p(1)	b	
Ażinfos-etil (+)	2642-71-9	220-147-6	ex 2933 99 80	p(1)-p(2)	b-b	
Ażinfos-metil (#)	86-50-0	201-676-1	ex 2933 92 00	p(1)	b	
Ażoċiklotin (+)	41083-11-8	255-209-1	ex 2933 99 80	p(1)	b	
Benalaksil (+)	71626-11-4	275-728-7	ex 2924 29 70	p(1)	b	
Benfurakarb (+)	82560-54-1		ex 2932 99 00	p(1)	b	
Bensultap	17606-31-4		ex 2930 90 98	p(1)-p(2)	b-b	
Benżen (2)	71-43-2	200-753-7	ex 2902 20 00 ex 2707 10 00	i(2)	sr	
Benżen bħala kostitwent ta' sustanzi oħra f'konċentrazzjonijiet ta' 0,1 % jew aktar skont il-piż (2)			ex 2707 10 00	i(2)	sr	
Benżidina u l-imlieħ tiegħu (+)	92-87-5	202-199-1	ex 2921 59 90	i(1)-i(2)	sr-b	
Derivattivi tal-benżidina (+)	36341-27-2 u oħrajn	252-984-8 u oħrajn		i(2)	b	
Ftalat tal-benżil butil (+)	85-68-7	201-622-7	ex 2917 34 00	i(1)-i(2)	sr-b	
Beta-ċiflutrin (+)	1820573-27-0		ex 2926 90 70	p(1)	b	

Beta-ċipermetrin (+)	65731-84-2	265-898-0	ex 2926 90 70	p(1)	b	
Bifentrin (+)	82657-04-3		ex 2916 20 00	p(1)-p(2)	b-sr	
Binapakril (#)	485-31-4	207-612-9	ex 2916 16 00	p(1)-p(2)	b-b	Jekk jogħġbok irreferi għaċ-ċirkulari PIC fuq www.pic.int/
				i(2)	b	
Etere tal-bis(pentabromofenil) (+)	1163-19-5	214-604-9	ex 2909 30 38	i(1)-i(2)	sr-b	
Bitertanol (+)	55179-31-2	259-513-5	ex 2933 99 80	p(1)	b	
Bromossinil (+)	1689-84-5 3861-41-4 56634-95-8 1689-99-2	216-882-7 223-374-9 260-300-4 216-885-3	ex 2926 90 70	p(1)	b	
Butralin (+)	33629-47-9	251-607-4	ex 2921 49 00	p(1)	b	
Kadmju u l-komposti tiegħu (+)	7440-43-9 u oħrajn	231-152-8 u oħrajn	ex 8112 u oħrajn	i(1)-i(2)	sr-sr	
Kadusafos (+)	95465-99-9		ex 2930 90 98	p(1)	b	
Kalċiferol	50-14-6	200-014-9	ex 2936 29 00	p(1)	b	
Kaptafol (#)	2425-06-1	219-363-3	ex 2930 80 00	p(1)-p(2)	b-b	Jekk jogħġbok irreferi għaċ-ċirkulari PIC fuq www.pic.int/
Karbaril (+)	63-25-2	200-555-0	ex 2924 29 70	p(1)-p(2)	b–b	
Karbendażim	10605-21-7	234-232-0	ex 2933 99 80	p(1)	b	
Karbofuran (#)	1563-66-2	216-353-0	ex 2932 99 00	p(1)	b	
Tetraklorur tal-karbonju	56-23-5	200-262-8	ex 2903 14 00	i(2)	b	
Karbosulfan (+)	55285-14-8	259-565-9	ex 2932 99 00	p(1)	b	
Kartap	15263-53-3		ex 2930 20 00	p(1)-p(2)	b-b	
Ċinometijonat	2439-01-2	219-455-3	ex 2934 99 90	p(1)-p(2)	b-b	
Klorat (+)	7775-09-9 10137-74-3 7783-92-8 u oħrajn	231-887-4 233-378-2 232-034-9 u oħrajn	ex 2829 11 00 ex 2829 19 00 ex 2843 29 00	p(1)	b	

Klordimeform (#)	6164-98-3	228-200-5	ex 2925 21 00	p(1)-p(2)	b-b	Jekk jogħġbok irreferi għaċ-ċirkulari PIC fuq www.pic.int/
Klorfenapir (+)	122453-73-0		ex 2933 99 80	p(1)	b	
Klorfenvinfos	470-90-6	207-432-0	ex 2919 90 00	p(1)-p(2)	b-b	
Klormefos	24934-91-6	246-538-1	ex 2930 90 98	p(1)-p(2)	b-b	
Klorobenżilat (#)	510-15-6	208-110-2	ex 2918 18 00	p(1)-p(2)	b-b	Jekk jogħġbok irreferi għaċ-ċirkulari PIC fuq www.pic.int/
Kloroform	67-66-3	200-663-8	ex 2903 13 00	i(2)	b	
Kloropikrin (+)	76-06-2	200-930-9	ex 2904 91 00	p(1)	b	
Klorotalonil (+)	1897-45-6	217-588-1	ex 2926 90 70	p(1)	b	
Klorprofam (+)	101-21-3	202-925-7	ex 2924 29 70	p(1)	b	
Klorpirifos (+)	2921-88-2	220-864-4	ex 2933 39 99	p(1)	b	
Klorpirifos-metil (+)	5598-13-0	227-011-5	ex 2933 39 99	p(1)	b	
Klortal-dimetil (+)	1861-32-1	217-464-7	ex 2917 39 95	p(1)	b	
Klożolinat (+)	84332-86-5	282-714-4	ex 2934 99 90	p(1)-p(2)	b-b	
Kolekalċiferol	67-97-0	200-673-2	ex 2936 29 00	p(1)	b	
Ċinidon-etil (+)	142891-20-1		ex 2925 19 95	p(1)	b	
Klotijanidin (+)	210880-92-5	433-460-1	ex 2934 10 00	p(1)	b	
Kumafuril	117-52-2	204-195-5	ex 2932 20 90	p(1)-p(2)	b-b	
Kreożot u sustanzi relatati mal-kreożot	8001-58-9	232-287-5	ex 2707 91 00 ex 3807 00 90			
	61789-28-4	263-047-8	ex 2707 91 00			
	84650-04-4	283-484-8	ex 2707 40 00 ex 2707 50 00			
	90640-84-9	292-605-3	ex 2707 91 00			
	65996-91-0	266-026-1	ex 3807 00 90 ex 2707 99 19	i(2)	b	

	90640-80-5	292-602-7	ex 2707 99 20			
	65996-85-2	266-019-3	ex 2707 99 80			
	8021-39-4	232-419-1	ex 3807 00 90			
	122384-78-5	310-191-5	ex 3807 00 90			
Krimidina	535-89-7	208-622-6	ex 2933 59 95	p(1)	b	
Ċjanammid	420-04-2	206-992-3	ex 2853 90 90	p(1)	b	
Ċjanażina	21725-46-2	244-544-9	ex 2933 69 80	p(1)-p(2)	b-b	
Ċibutrin (*)	28159-98-0	248-872-3	ex 2933 69 80	p(2)	b	
Ċiklanilid (*)	113136-77-9	419-150-7	ex 2924 29 70	p(1)	b	
Ċiflutrin	68359-37-5	269-855-7	ex 2926 90 70	p(1)	b	
Ċjalotrina	68085-85-8	268-450-2	ex 2926 90 70	p(1)	b	
Ċieżatin (*)	13121-70-5	236-049-1	ex 2931 90 00	p(1)	b	
DBB (Di-μ-osso-di-n-butilstannjo-idrossiboran/ diossastannaboretan-4-ol)	75113-37-0	401-040-5	ex 2931 90 00	i(1)	b	
Desmedifam (*)	13684-56-5	237-198-5	ex 2924 29 70	p(1)	b	
Pentaossidu tad-diarseniku (*)	1303-28-2	215-116-9	ex 2811 29 90	i(1)-i(2)	sr-b	
Diażinon (*)	333-41-5	206-373-8	ex 2933 59 10	p(1)	b	
Komposti tat-dibutiltin	683-18-1 77-58-7 1067-33-0 u oħrajn	211-670-0 201-039-8 213-928-8 u oħrajn	ex 2931 90 00	i(2)	sr	
Diklobenil (*)	1194-65-6	214-787-5	ex 2926 90 70	p(1)	b	
Dikloran (*)	99-30-9	202-746-4	ex 2921 42 00	p(1)	b	
Diklorvos (*)	62-73-7	200-547-7	ex 2919 90 00	p(1)-p(2)	b-b	
Klorur tad-dideċildimetilammonju	7173-51-5	230-525-2	ex 2923 90 00	p(1)	b	
Ftalat tad-diisobutil (*)	84-69-5	201-553-2	ex 2917 34 00	i(1)-i(2)	sr-b	
Dimetenammid (*)	87674-68-8		ex 2934 99 90	p(1)	b	

Dimetoat (+)	60-51-5	200-480-3	ex 2930 90 98	p(1)	b	
Dinikonażol-M (+)	83657-18-5		ex 2933 99 80	p(1)	b	
Dinitro-orto-kresol (DNOC) u l-imlieħ tiegħu (bħalma huma l-imlieħ tal-ammonju, tal-potassju u tas-sodju) (#)	534-52-1 2980-64-5 5787-96-2 2312-76-7	208-601-1 221-037-0 219-007-7	ex 2908 92 00	p(1)-p(2)	b-b	Jekk jogħġbok irreferi għaċ-ċirkulari PIC fuq www.pic.int/
Dinobuton	973-21-7	213-546-1	ex 2920 90 10	p(1)-p(2)	b-b	
Dinoseb u l-imlieħ u l-esteri tiegħu (#)	88-85-7 u oħrajn	201-861-7 u oħrajn	ex 2908 91 00 ex 2915 36 00	p(1)-p(2) i(2)	b-b b	Jekk jogħġbok irreferi għaċ-ċirkulari PIC fuq www.pic.int/
Dinoterb (+)	1420-07-1	215-813-8	ex 2908 99 00	p(1)-p(2)	b-b	
Komposti tad-dijottiltin	3542-36-7 870-08-6 16091-18-2 u oħrajn	222-583-2 212-791-1 240-253-6 u oħrajn	ex 2931 90 00	i(2)	sr	
Difenilammina (+)	122-39-4	204-539-4	ex 2921 44 00	p(1)	b	
Dikwat, inkluż id-dibromur tad-dikwat (+)	2764-72-9 85-00-7	220-433-0 201-579-4	ex 2933 99 80	p(1)	b	
DPX KE 459 (flupirsulfuron-metil) (+)	150315-10-9 144740-54-5		ex 2935 90 90	p(1)	b	
Formulazzjonijiet ta' trab li jitfarfar li fihom kombinazzjoni ta':			ex 3808 99 90	p(1)-p(2)	b-b	Jekk jogħġbok irreferi għaċ-ċirkulari PIC fuq www.pic.int/
Benomil 7 % jew aktar	17804-35-2	241-775-7	ex 2933 99 80			
Karbofuran 10 % jew aktar	1563-66-2	216-353-0	ex 2932 99 00			
u Tiram 15 % jew aktar (#)	137-26-8	205-286-2	ex 2930 30 00			
Empentrin (+)	54406-48-3	259-154-4	ex 2916 20 00	p(2)	b	
Epossikonażol (+)	135319-73-2	406-850-2	ex 2934 99 90	p(1)	b	

Etalfluralin (+)	55283-68-6	259-564-3	ex 2921 43 00	p(1)	b	
Etijon	563-12-2	209-242-3	ex 2930 90 98	p(1)-p(2)	b-b	
Etoprofos (+)	13194-48-4	236-152-1	ex 2930 90 98	p(1)	b	
Etossisulfuron (+)	126801-58-9		ex 2933 59 95	p(1)	b	
Etossikin (+)	91-53-2	202-075-7	ex 2933 49 90	p(1)	b	
Ossidu tal-etilen (Ossiran) (#)	75-21-8	200-849-9	ex 2910 10 00	p(1)	b	Jekk jogħġbok irreferi għaċ-ċirkulari PIC fuq www.pic.int/
Fenamidon (+)	161326-34-7		ex 2933 29 90	p(1)	b	
Fenarimol (+)	60168-88-9	262-095-7	ex 2933 59 95	p(1)	b	
Fenamifos (+)	22224-92-6	244-848-1	ex 2930 90 98	p(1)	b	
Ossidu tal-fenbutatin (+)	13356-08-6	236-407-7	ex 2931 90 00	p(1)	b	
Fenitrotijon (+)	122-14-5	204-524-2	ex 2920 19 00	p(1)	b	
Fenpropatrin	39515-41-8	254-485-0	ex 2926 90 70	p(1)-p(2)	b-b	
Fentijon (+)	55-38-9	200-231-9	ex 2930 90 98	p(1)	sr	
Aċetat tal-fentin (+)	900-95-8	212-984-0	ex 2931 90 00	p(1)-p(2)	b-b	
Idrossidu tal-fentin (+)	76-87-9	200-990-6	ex 2931 90 00	p(1)-p(2)	b-b	
Fenvalerat	51630-58-1	257-326-3	ex 2926 90 70	p(1)	b	
Ferbam (+)	14484-64-1	238-484-2	ex 2930 20 00	p(1)-p(2)	b-b	
Fipronil (+)	120068-37-3	424-610-5	ex 2933 19 90	p(1)	b	
Flufenossuron (+)	101463-69-8	417-680-3	ex 2924 21 00	p(1)-p(2)	b-sr	
Fluworoaċetammid (#)	640-19-7	211-363-1	ex 2924 12 00	p(1)	b	Jekk jogħġbok irreferi għaċ-ċirkulari PIC fuq www.pic.int/
Flurenol	467-69-6	207-397-1	ex 2918 19 98	p(1)-p(2)	b-b	
Flurprimidol (+)	56425-91-3		ex 2933 59 95	p(1)	b	
Flurtamon (+)	96525-23-4		ex 2932 19 00	p(1)	b	
Furatijokarb	65907-30-4	265-974-3	ex 2932 99 00	p(1)-p(2)	b-b	

Glufosinat, inkluż il-glufosinat-ammonju (*)	51276-47-2 77182-82-2	257-102-5 278-636-5	ex 2931 49 90	p(1)	b	
Gważatina (*)	108173-90-6 115044-19-4	236-855-3	ex 3808 99 90	p(1)-p(2)	b-b	
Eżakloroetan	67-72-1	200-666-4	ex 2903 19 00	i(1)	sr	
Eżażinon (*)	51235-04-2	257-074-4	ex 2933 69 80	p(1)-p(2)	b-b	
Imidakloprid	138261-41-3	428-040-8	ex 2933 39 99	p(1)	sr	
Iminottadina	13516-27-3	236-855-3	ex 2925 29 00	p(1)-p(2)	b-b	
Aċidu indolilaċetiku (*)	87-51-4	201-748-2	ex 2933 99 80	p(1)	b	
Iprodijon (*)	36734-19-7	253-178-9	ex 2933 21 00	p(1)	b	
Isoproturon (*)	34123-59-6	251-835-4	ex 2924 21 00	p(1)	b	
Isossatijon	18854-01-8	242-624-8	ex 2934 99 90	p(1)	b	
Ċomb u l-komposti tiegħu	7439-92-1 598-63-0 1319-46-6 7446-14-2 7784-40-9 7758-97-6 1344-37-2 25808-74-6 13424-46-9 301-04-2 7446-27-7 15245-44-0 u oħrajn	231-100-4 209-943-4 215-290-6 231-198-9 232-064-2 231-846-0 215-693-7 247-278-1 236-542-1 206-104-4 231-205-5 239-290-0 u oħrajn	ex 7801 10 00, ex 7804 20 00 ex 2836 99 17 ex 3206 49 70 ex 2833 29 60 ex 2842 90 80 ex 2841 50 00 ex 3206 20 00 ex 2826 90 80 ex 2850 00 60 ex 2915 29 00 ex 2835 29 90, ex 3206 49 70 ex 2908 99 00	i(2)	sr	
Linuron (*)	330-55-2	206-356-5	ex 2928 00 90	p(1)	b	
Malatijon	121-75-5	204-497-7	ex 2930 90 98	p(2)	b	

L-imlieħ tal-idrażid malejku għajr l-imlieħ tal-kolina, tal-potassju u tas-sodju	5716-15-4 42489-17-8 36518-59-9 65445-74-1 51137-11-2 u oħrajn	227-213-3 255-849-1 253-082-7 265-780-9 u oħrajn	ex 2933 99 80	p(1)	b	
Mankożeb (+)	8018-01-7		ex 3808 92 30	p(1)	b	
Maneb (+)	12427-38-2	235-654-8	ex 3824 99 93	p(1)-p(2)	b-b	
Mekoprop (+)	7085-19-0 93-65-2	230-386-8 202-264-4	ex 2918 99 90	p(1)	b	
Merkurju (+)	7439-97-6	231-106-7	ex 2805 40	i(1)-i(2)	sr-b	
Komposti tal-merkurju, inklużi komposti tal-merkurju inorganiċi, komposti tal-alkil merkurju u komposti tal-alkilossialkil u tal-aril merkurju għajr komposti tal-merkurju elenkati fl-Anness V (#)	62-38-4, 26545-49-3 u oħrajn	200-532-5, 247-783-7 u oħrajn	ex 2852 10 00	p(1)-p(2)	b-b	Jekk jogħġbok irreferi għaċ-ċirkulari PIC fuq www.pic.int/
Metamidofos (#)	10265-92-6	233-606-0	ex 2930 80 00	p(1)	b	
Metidatijon	950-37-8	213-449-4	ex 2934 99 90	p(1)-p(2)	b-b	
Metijokarb (+)	2032-65-7	217-991-2	ex 2930 90 98	p(1)	b	
Metomil (+)	16752-77-5	240-815-0	ex 2930 90 98	p(1)-p(2)	b-b	
Bromur tal-metil (+)	74-83-9	200-813-2	ex 2903 61 00	p(1)-p(2)	b-b	
Metil-paratijon (+) (#)	298-00-0	206-050-1	ex 2920 11 00	p(1)-p(2)	b-b	Jekk jogħġbok irreferi għaċ-ċirkulari PIC fuq www.pic.int/
Metossuron	19937-59-8	243-433-2	ex 2924 21 00	p(1)-p(2)	b-b	

Monokrotofos (#)	6923-22-4	230-042-7	ex 2924 12 00	p(1)-p(2)	b-b	Jekk jogħġbok irreferi għaċ-ċirkulari PIC fuq www.pic.int/
